MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru. 675/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**SPETTUR JOHANN FENECH**
**VS**
**JOSEPH CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Cassar, ta’ 75 sena, iben il-mejjet Joseph u l-mejta Anna xebba Enriquez, imwieled Hal-Ghaxaq, fl-20 ta’ Awissu 1932, residenti No.5 Triq Azzopardi, Marsa u detentur tal-Karta’ ta’ l-Identita’ bin-numru 0548332(M).

Illi huwa akkuzat talli fit-3 ta’ Awissu 2007 ghal habta ta’ 12:45hrs, gewwa l-fond ‘*omissis*,’ li qieghed sitwat fi *omissis*:

1) B’eghmil zieni, ikkorrompa lil *Omissis A* ta’ *omissis*-il sena persuna ta’ taht l-eta’;
2) Fl-istess lok, hin u cirkustanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Kif ukoll, fl-istess data, ghal habta tal-hdax ta’ filghodu (11:00a.m.) fl-inhawi ta’ *omissis*, offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ *Omissis A* u l-familja taghha ai termini ta’ l-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fil-mori tal-kawza, Spettur Raymond Aquilina nforma lil Qorti u kkonferma bil-gurament illi, l-imputat miet fit-8 ta’ Lulju 2009, u ezebixxa Dok.RAX (certifikat tal-mewt ta’ l-imputat).

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------